**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tmienja u Ħamsin (58)**

**30 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Vici Sindku
Anthony Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

58.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Aaron Agius u l-Kunsillier Anthony Attard infurmawh li ma jistghux jattenud ghal-laqgha tal-lum minhabba ragunijiet personali.

58.1.2 Il-Kunsilliera prezenti unanimament accettaw din l-apologija.

**58.2 Ħatra ta' bord ta' aġġudikazzjoni għat-tender taċ-Ċentru Ċiviku**

58.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hu sejjah din il-laqgha b'urgenza sabiex jinħatar il-bord li ser ikun qed jevalwa l-offerti li ġew sottomessi għax-xogħol tal-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid fil-lokalita' tagħna.

58.2.2 Is-Sindku innota li sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sottomissjoni ta' offerti għal dan ix-xogħol (jiġifieri fl-10.30am ta' nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2022), kien hemm erba' kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom.

58.2.3 Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda unanimament li l-bord ta' evalwazzjoni għandu jkun kompost minn Dr. Mario Scerri LLD bħala *chairman*, il-membri Christian Buttigieg (maħtur mill-Ministeru għal Għawdex), l-Inġinier Jeffrey Muscat u l-Perita Mariella Xuereb flimkien ma' Dr. Sharon Calleja LLD bħala Segretarja tal-Bord.

58.2.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm zewg membri sostituti li jservu f'dan il-bord ta' aggudikazzjoni f'kaz li xi membri ma jkunux jistghu jaqdu dan l-irwol. Il-Kunsill iddecieda li dawn iz-zewg membri sostituti ghandhom ikunu l-Perit Johann Camilleri u Dr. Larry Formosa LLD.

58.2.4 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.10pm.

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**